



Bord ta' Amministrazzjoni

TAL-BAĠIT 2013

CT/CA-040/2012/01MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A – INTRODUZZJONI ĠENERALI

B – ALLINJAMENT TAL-PREZZIJET U L-ISPEJJEŻ

Ċ – DĦUL

D – INFIQ

E – ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – ҒARSA ĠENERAL

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2013

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2013

ANNEX 1 PJAN TA' STABILIMENT

I. INTRODUZZJONI

A. Introduzzjoni ġenerali

Il-Baġit għall-2013 ikopri:

- B. deskrizzjoni tal-ħidma taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni f'perspettiva ta' allinjament tal-prezzijiet u tal-ispejjeż għall-2013;
- C. id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi liċ-Ċentru jaħdem għalihom, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom om sar qbil dwar kollaborazzjoni bħala kumpens għal xogħol magħmul, inklużi attivitajiet interistituzzjonali kif ukoll sussidju Komunitarju;
- D. l-infiq taċ-Ċentru, analizzat skont it-titolu;
- E. l-analiżi tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din turi r-rabta li hemm mal-Programm ta' Ħidma 2013. Din il-parti tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jinkisbu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru, kif ukoll turi l-istruttura baġitarja konvenzjonali.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument tal-baġit huma f'euro.

B. Allinjament tal-prezzijiet u l-ispejjeż

Fil-laqgħa tal-Bord f'Marzu 2012, ġiet approvata rata ta' tnaqqis ta' -10% għal servizzi skedati u bil-mod (traduzzjonijiet, reviżjonijiet u modifikazzjonijiet), minflok it-tnaqqis ta' -25% applikat sal-2012. Barra minn hekk, analiżi ta' kull sitt xhur tal-ispejjeż li saret f'Lulju 2012 uriet li, biex ikunu allinjati l-prezzijiet u l-ispejjeż, iċ-Ċentru kellu jgħolli t-tariffi għal traduzzjonijiet 'kumplikati' u 'kunfidenzjali'; jiġifieri EUR 15 minflok EUR 10, u EUR 20 minflok EUR 10, rispettivament. Fid-dawl ta' dan, il-klijenti taċ-Ċentru ntalbu jipprovdu tbassir qgornat għall-baġit 2013, skont lista ta' prezzijiet kemmxejn riveduta vis-à-vis dik approvata mill-Bord ta' Amministrazzjoni f'Marzu 2012.

It-tbassir tal-klijenti wera żieda fil-volum tat-traduzzjoni għall-2013 (709 972 paġna) meta mqabbel mat-tbassir fil-baġit emendatorju tal-2012 (madwar 594 000 paġna) u mal-PDB 2013 (633 658 paġna). Bl-istruttura tal-prezzijiet tal-2013, id-dħul imbassar għat-Titoli 1 (filasijiet mill-aġenziji, l-uffiċji, l-istituzzjonijiet u l-korpi) u 3 ('Kooperazzjoni interistituzzjonali') jammonta għal EUR 44.3 miljun, żieda ta' EUR 3.8 miljun meta mqabbel mal-baġit emendatorju tal-2012, u ta' EUR 1.7 miljun fir-rigward tal-PDB 2013.

Fil-PDB 2013, iċ-Ċentru ħass il-ħtieġa li jittrasferixxi parti mill-fondi ta' riserva mwarrba fl-2011 għaż-żamma tal-istabilità tal-prezzijiet (EUR 560 700) għad-'Dħul'. F'dan il-baġit rivedut għall-2013, l-użu tar-riserva mhux meħtieġ iktar. Il-baġit għall-2013 huwa bilanċjat mingħajr ir-riserva, grazzi għaż-żieda fit-tbassir tal-klijenti u l-isforzi taċ-Ċentru biex inaqas l-ispejjeż u n-numru ta' impjegji fil-pjan ta' stabbiliment.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezzijiet applikabbli għall-2013:


Servizzi fornuti	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	97.00	87.30	121.25	174.60
Modifika (prezz għal kull paġna)	180.00	162.00	225.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	48.50	43.65	60.63	
Editjar (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Trejdmarks (prezz għal kull paġna)	EUR 39.47 għal 444 490 paġna (ftehim bilaterali)			
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)	EUR 5.00			
Listi ta' termini (għal kull terminu)	EUR 5.00			
Standardizzazzjoni, terminoloġija	EUR 900 għal kull persuna kuljum			
Ex post għall-kontroll tal-kwalità għat-trejdmarks tradotti	EUR 900 għal kull persuna kuljum (50% tal-ispejjeż totali, arranġament bilaterali)			

Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	Flas addizzjoni għal kull paġna f'EUR
Format kumpless	15.00
Kunfidenzjali	20.00
Lingwa mhux tal-UE	10.00

C. Dħul prijum

Abbażi tal-prezzijiet il-ġodda li dehru hawn fuq, id-dħul imbassar għat-Titoli 1, 3 u 4 tal-baġit għall-2013 jammonta għal EUR 44 484 400. Id-dħul imbassar għall-2013 qed jidher hawn taħt imqabbel mal-baġit emendatorju tal-2012 u l-eżitu tal-2011. Biex ikun ta' qabli, Titolu 5, li fih l-eżitu mis-snin finanzjarji ta' qabel u t-trasferimenti mill-fondi ta' riserva, mhux inkluż f'din il-grafika.



Filwaqt li l-volum imbassar tat-traduzzjonijiet għall-2013 huwa ta' 19.5% u 1.9% oġġa minn tas -snin 2012 u 2011 rispettivament, id-dħul imbassar huwa ferm inqas: 9.3% u 3.3%. Dan huwa effett tal-allinjament tal-prezzijiet u l-ispejjeż taċ-Ċentru, kif spjegat aktar 'il fuq. Għandu jiġi nnutat li t-tbassir minn klijenti individwali jista' jvarja b'mod sostanzjali minn sena għal oħra.

Għat-Titolu 1, id-dħul imbassar huwa ta' EUR 41.6 miljun. Dan jiġi EUR 2.3 miljun aktar minn dak fil-PDB 2013, u EUR 3.5 miljun aktar mill-baġit emendatorju tal-2012. Din iż-żieda rriżultat l-aktar minħabba żieda fil-volum mistenni tat-trejdmarks mill-UASI. FI-2013, it-tbassir ta' 444 490 paġna huwa konsiderevolment oġġla mill-volum imsemmi fil-PDB 2013 u l-baġit emendatorju tal-2012, fejn it-tbassir kien madwar 371 000 paġna. FI-istess ħin, iż-żieda fil-volum imbassar jirriżulta fl-applikazzjoni ta' prezz irħas għal kull paġna għat-trejdmarks, kif miftiehem bejn iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni u l-UASI.

Id-dħul imbassar mill-istituzzjonijiet Ewropej, EUR 2.7 miljun, huwa konsiderevolment inqas mill-baġit (-17.8%) minn dak fil-PDB 2013. Meta mqabbel mal-baġit emendatorju tal-2012, madanakollu, it-tbassir huwa 11% oġġla.

Id-dħul l-ieħor għall-2013 jikkonsisti f'imġaxxijiet tal-bank (Titolu 4) u ammont mir-riserva għal investiment eċċezzjonali (Titolu 5). L-imġaxx tal-bank naqas minn EUR 441 561 fl-2011 u EUR 450 000 fil-baġit emendatorju tal-2012 għal tbassir ta' EUR 150 000 fl-2013. Dan it-tnaqqis jirrifletti l-ammonti baxxi fil-kontijiet bankarji taċ-Ċentru, flimkien ma' rati baxxi tal-imġaxx. EUR 136 000 ġew trasferiti mill-fond ta' riserva għall-investimenti eċċezzjonali għall-baġit 2013. Din ir-riserva se tintuża għal spejjeż f'IT relatati mal-programm ta' Cdt elettroniku.


Minn meta tfassal il-PDB 2013, dñal klijent ġdid fi ftehim maċ-Ċentru. L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija IT) għaldaqstant ġiet inkluża fil-baġit emendatorju tal-2012.

1051	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija IT)	p.m.
------	---	------

D. Infiq

Kif spjegat f'taqsima B, iċ-Ċentru baqa jirsisti biex jallinja l-ispejjeż u d-dħul.

Il-kompożizzjoni tal-ispejjeż skont it-titolu u tqabbel mal-baġit emendatorju tal-2012 u l-eżitu għall-2011 huma murija hawn taħt. Hekk kif żidiet fis-salarji għall-2011 u l-2012 għadhom qed jiġu diskussi wara nuqqas ta' ftehim fi żmien il-preparazzjoni ta' dan il-baġit, l-impatt ta' dawn iż-żidiet fuq l-ispejjeż tal-persunl fl-2013 ġew imwarrba taħt approprjazzjoni speċifika taħt it-Titolu 10.



Titolu 1 - PERSUNAL

Għat-**Titolu 1** ('Persunal'), l-appropriazzjonijiet jibqgħu kważi l-istess fil-baġit tal-2013 kważi fil-baġit emendatorju tal-2012, li kien dgħà allinjat mal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal għall-2013, b'eċċezzjoni tal-persunal kuntrattwali kkonċernat (Punt 1115, ara l-ispejjezzjoni hawn taħt).

Fil-pjan ta' stabbiliment għall-persunal għall-2013 saret bidla waħda u ġiet inkluża fil-PDB 2013: membru permanenti fil-grad ta' AST 7 nbidel minn persuna b'kuntratt temporanju fil-grad ta' AST 3.

Kif jissewma fil-PDB tal-2013, l-iskrijning tal-postijiet tax-xogħol fl-2012 wassal għat-tneħħija ta' żewġ karigi AST, għat-tibdil ta' seba' karigi ta' ġenti temporanji f'aġenti kuntrattwali u għar -ristrutturar ta' żewġ karigi AD mid-dipartimenti ta' appoġġ biex jiġu rrekutati żewġ tradutturi Kroati. Kif spjegat fil-PDB 2013, dan ippermetta biex iċ-Ċentru jipprepara għat-**tkabbir** tal-UE li se jkun jinkludi lill-Kroazja mingħajr ma jkun hemm żieda fil-persunal.

In-numru totali ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment tnaqqas minn 215 fl-2012 għal 206 fl-2013. B'riżultat ta' dan, in-numru ta' aġenti kuntrattwali previsti tela' għal 22 minn 15, l-istess numru bħal fil-PDB 2013.

Il-bidliet l-oħra fit-**Titolu 1** huma relatati l-aktar mat-tbassir rivedut tal-ispejjeż li iċ-Ċentru huwa obligat iħallas skont ir-Regolamenti tal-Persunal, bħas-servizz mediku tal-Kummissjoni, il-ħarsien tat-tfal waqt il-ħin tax-xogħol għall-persunal taċ-Ċentru, kif ukoll l-indemnitajiet għall-installazzjoni, ir-riintegrazzjoni fil-pajjiż kif ukoll għat-trasferimenti tal-persunal.

Minħabba li d-dispożizzjoni għaż-żidiet fis-salarji (mill-2011 għall-2013 inklużi) iddaħlet taħt Punt 10005 tal-baġit, il-baġit totali għat-**Titolu 1** huwa ta' 0.3% inqas minn dak tal-baġit emendatorju tal-2012.

Titolu 2 – BINI, APPARAT U NFIQ MIXXELLANJU OPERATTIV

Għat-**Titolu 2**, l-appropriazzjonijiet għall-baġit tal-2013 huma ta' 3.8% inqas minn dawk fil-baġit emendatorju tal-2012.

It-tnaqqis fil-baġit tal-2013 meta mqabbel mal-PDB 2013 huwa mniżżel f'Punti 2000 ('Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati'), 2030 ('Tindif u manutenzjoni') minħabba kuntratt tat-tindif ġdid, u 2100 ('Xiri, xogħol fuq, servisis u manutenzjoni taħardwer u softwer'). Rigward spejjeż oħra, kien meħtieġ li jżiedu l-appropriazzjonijiet fil-PDB 2013, bħal Punti 2392 ('Assistenza amministrattiva mill-Kummissjoni') u 2650

(‘Interpretazzjoni’ għall -Bord ta’ Amministrazzjoni), uġġi aġġustati l -approprjazzjonijiet għax -xiri ta’ għamara, kotba u perijodi minn dawk previsti fil-baġit emendatorju tal-2012.

Titolu 3 – INFIQ OPERATTIV

Għat- Titolu 3 (‘Infiq operattiv’), it-tbassir tal-infiq huwa 3.5% oġġla mill -baġit emendatorju tal-2012, u 5.1% inqas minn dak tal-eżitu tal-2011.

It-tbassir tal-infiq tax-xogħol esternalizzat (freelance) għe rfinut bit-tqabbil tal-volumi tradotti fl-2011 mat-tbassir rivedut għall-2012 u 2013, li għalihom it-tbassir dettaljat mill-klijenti huwa ta’ siwi kbir. L-analiżi u s-sistema ta’ segwitu implimentati miċ-Ċentru biex jissorveljaw l-infiq taħt Punt 3000 kienu wkoll effettivi għal dan l-eżerċizzju.

Titolu 10 – RIŻERVI

L-unika approprjazzjoni assenjata fil-baġit tal-2013 titratta l-impatt taż-żidiet fis-salarji mill-2011 sal-2013 fuq l-infiq tal-persunal, li tammota għal EUR 760 300.

E. Attivitajiet

lċ-Ċentru identifika erba’ attivitajiet: 1) Attività ewlenija: it-traduzzjoni; 2) Attivitajiet ta’ appoġġ; 3) Attivitajiet esterni; u 4) Ġestjoni u superviżjoni. Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2013 huma diviżi bejn l-attivitajiet differenti kif muri fit-tabella hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i taħt Titoli 1 u 2 huma allokat i skont ir-riżorsi umani involuti għal kull attività. Id-distribuzzjoni eżatta hija kkalkulata billi jġu kkunsidrati t-tipi differenti ta’ karigi u gradi, u għalhekk il -varjazzjonijiet fl-infiq fuq salarji jkun jiddependi min-natura tax-xogħol. Fil-Programm ta’ Fiddma għall-2013 hemm aktar informazzjoni dettaljata.

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attività ewlenija: traduzzjoni	65.22 %	75.84 %	33 838 783
Attivitajiet ta’ appoġġ	25.35 %	13.66 %	6 096 120
Attivitajiet esterni	1.91 %	3.50 %	1 560 963
Attivitajiet ta’ ġestjoni u superviżjoni	7.52 %	7.00 %	3 124 534
Total	100.00 %	100.00 %	44 620 400

Attività 1: TRADUZZJONI

L-attività ewlenija ta’ -Ċentru hija l-forniment ta’ servizzi lingwistiċi, prinċipalment it-traduzzjoni, il-modifika/emedni, l-editjar u r-reviżjoni ta’ dokumenti, kif ukoll it-traduzzjoni u r-reviżjoni ta’ trejdmarks u disinji Komunitarji, f’konformità mal-kriterji ta’ kwalità u taż -żminijiet ta’ kunsinna (waħda mill-prijoritajiet strateġiċi taċ-Ċentru).

Din l-attività tuża 65.2 % tar-riżorsi umani ta’ -Ċentru u tikkonsma 75.8 % tal-baġit totali, jiġifieri l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 30 u proporzjon tal-appropriazzjonijiet fit-Titoli 1 u 2 relatata ma’ din l-attività.

Il-volum totali għall -2013 huwa ta’ 709 972 paġna, żieda ta’ 12.04% meta mqabbla mal-PDB 2013 u 19.52% meta mqabbla mal-baġit emendatorju tal-2012.

	2013	2012	% 2012-2013
Numru totali ta' paġni mbassra	709 972	594 000	+19.52%
Pagamenti totali għal traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	44 334 400	40 576 700	+9.26%

It-tbassir tal-volum ta' traduzzjoni, f'numri ta' paġni, huwa kif ġej:

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	2 138
Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	2 512
Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	3 350
Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	37 797
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	7 070
Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)	51 193
UASI – Editjar tal-lingwi	17 305
Trademarks UASI	444 490
Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	1 237
Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	4 929
Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	6 090
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali (Cedefop)	633
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	8 443
Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.
Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	3 622
L-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja	52
Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	1 419
Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	16 922
Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	7 732
Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Informazzjoni (ENISA)	206
Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	696
Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruniteri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)	4 483
Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	7 315
Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)	125
Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	1 134
Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC)	1 272
Awtorità Ewropea GNSS (GSA)	154
Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	52
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	22 530
Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	1 495
Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	515
Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC)	p.m.
Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA)	269
Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	650
Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)	626
Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	164

Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	168
Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	1 852
Impriża Konġunta Sesar (SJU)	206
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	10 103
Impriża Konġunta għall-Implimentazzjoni ta' Inizjattiva ta' Teknoloġija Konġunta f'Sistemi tal-Kompjuter Inkorporat (ARTEMIS)	109
Inizjattiva ta' Impriża Konġunta għal Mediċini Innovattivi (IMI)	198
Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	34
L-Inizjattiva ta' Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv Ewropew tan-Nanoelettronika (ENIAC JU)	p.m.
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	p.m.
Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	684
Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	8 578
Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	2 062
Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	p.m.
Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)	p.m.
Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi Kbar tal-IT fl-Oqsma tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija IT)	p.m.
Kummissjoni Ewropea (KE)	8 580
Parlament Ewropew (PE)	p.m.
Kunsill tal-Unjoni Ewropea	3 330
Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)	412
Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (CoR)	p.m.
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)	p.m.
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU)	9 030
Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	700
Ombudsman Ewropew (Ombudsman)	5 306
Paġni totali	709 972

Attività 2: AMMINISTRAZZJONI U APPOĠĠ TEKNIKU

Minħabba li ċ-Ċentru huwa korp awtonomu tal-UE, jeħtieġ persunal ta' appoġġ amministrattiv u tekniku biex ikun jista' jwettaq il-kompiti relatati mar-riżorsi umani, l-akkwist pubbliku, il-kontabbiltà preċiża u vijabbli, l-infrastruttura u l-loġistika, u b'mod partikolari, jagħti assistenza sħiħa fl-attivitajiet ewlenin tiegħu. L-attivitajiet ta' appoġġ għandhom ukoll l-oġettiv li jikkoordinaw proġetti bejn dipartimenti kbar bl-għan li jagħtu l-aħjar servizz lill-klijenti. Fl-aħjar nett, iċ-Ċentru jipprovdi wkoll soluzzjonijiet effettivi tal-infrastruttura rigward it-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni (TIC).

L-attivitajiet ta' appoġġ amministrattiv u tekniku taċ-Ċentru jużaw 25.4 % tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsmaw 13.7% tal-baġit totali, jiġifieri, il-proporzjon tal-appropriazzjonijiet relatati mat-Titoli 1 u 2.

Attività 3: ATTIVITAJIET ESTERNI

Dawn l-attivitajiet huma mmirati biex jipromwovuc -Ċentru u t-traduzzjoni, bħala professjoni u servizz, prinċipalment bi preżentazzjonijiet mogħtija miċ-Ċentru lis-sħubiji esterni: il-klijenti, il-kumitati interistituzzjonali u internazzjonali, u l-universitajiet tal-Istati Membri. Din l-attività hija wkoll marbuta mat-tieni missjoni taċ-Ċentru: li jagħti l-kontribut tiegħu permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali għar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri fil-qasam tat-traduzzjoni tal-UE.

Din l-attività tuża 1.9 % tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 3.5 % tal-baġit totali, jiġifieri l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet fil-Kapitolu 31 u l-parti tal-appropriazzjonijiet fit-Titoli 1 u 2 ta' din l-attività.

Attività 4: ĠESTJONI U SUPERVIŻJONI

It-tmexxija ta' Ċentru għandha l-obbligu li tiżgura l-konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE biex ikunu assigurati l-affidabbiltà, il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet tiegħu, l-effikaċja tal-istandards ta' kontroll intern kif ukoll il-konformità mas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. Huma biss il-ġestjoni u s-superviżjoni b'mod effikaċi u effiċjenti li jistgħu jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-attivitajiet ta' Ċentru twettqu b'mod li jkollhom riżultati mistennija.

Din l-attività tuża 7.5 % tar-riżorsi umani ta' Ċentru u tikkonsma 7.0 % tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-proporzjon tal-appropriazzjonijiet fit-Titoli 1 u 2 relatati ma' din l-attività.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2013	Baġit emendatorju 1/2012 Sena finanzjarja 2012	Eżitu 2011
	DĦUL			
1	FLASIJET MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĠI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	41 606 800	38 120 100	39 038 543
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	p.m.
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	2 727 600	2 456 600	3 866 054
4	DĦUL IEĦOR	150 000	453 000	441 561
5	ŻIEDA TA' BAĠIT AKKUMULAT U TRASFERIMENT TA' RISERVI MAĦLUQA FIS-SNIN PREĊEDENTI	136 000	3 804 549	9 231 710
	TOTALI	44 620 400	44 834 249	52 577 869
	INFIQ			
1	PERSUNAL	24 910 500	24 992 100	23 740 155
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	5 284 600	5 495 600	4 152 396
3	INFIQ OPERATTIV	13 665 000	13 207 475	14 397 908
10	RIŻERVI	760 300	1 139 074	0
	TOTALI	44 620 400	44 834 249	42 290 460

III. DIKJARAZZJONI TAD-DFUL 2013

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI				
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI				
100	<i>Pagamenti mill-aġenziji, l-uffiċċji, l-istituzzjonijiet u l-korpi</i>				Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	210 100	349 200	355 910	
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	256 000	250 200	317 240	
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	362 300	718 700	691 717	
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 976 900	2 772 900	2 982 374	
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	696 800	683 900	735 835	
1005	Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM)	7 070 400	5 258 700	4 338 290	
1006	Trade marks tal-OHIM	17 614 500	15 770 800	16 280 483	
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	120 000	120 000	54 195	
1008	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	478 100	475 000	512 570	
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	591 900	483 700	826 960	
	<i>Artikolu 100 – Total</i>	31 377 000	26 883 100	27 095 575	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1 0 1					
1 0 1 0	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)	61 400	65 600	103 429	
1 0 1 2	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	872 000	866 700	1 662 933	
1 0 1 4	Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)	p.m.	p.m.	16 740	
1 0 1 5	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	393 000	446 000	393 008	
1 0 1 6	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	5 000	2 500	1 953	
1 0 1 7	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	141 500	200 000	84 574	
1 0 1 8	Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	1 495 900	1 568 600	1 398 439	
1 0 1 9	Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	750 000	550 000	696 269	
	<i>Artikolu 1 0 1 – Total</i>	3 718 800	3 699 400	4 357 345	
1 0 2					
1 0 2 0	Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)	20 000	31 500	97 317	
1 0 2 1	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	68 100	200 000	625 980	
1 0 2 2	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruniteri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX)	400 800	398 900	392 638	
1 0 2 3	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	709 600	629 800	759 837	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1 0 2 4	Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)	12 100	17 000	23 686	
1 0 2 5	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	110 000	110 000	85 970	
1 0 2 6	Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC)	144 300	62 800	98 002	
1 0 2 7	Aġenzija Ewropea GNSS (GSA)	14 900	24 600	4 883	
1 0 2 8	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	5 000	5 000	12 717	
1 0 2 9	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	2 445 700	4 081 100	3 707 841	Il-previżjoni tinkludi dħul għall-ospitar tal-proġett ECHA TERM (Terminoloġija tal-ECHA)
	<i>Artikolu 1 0 2 – Total</i>	3 930 500	5 560 700	5 808 872	
1 0 3					
1 0 3 0	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA)	145 000	157 000	164 309	
1 0 3 1	Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)	50 000	25 000	27 438	
1 0 3 2	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC)	p.m.	p.m.	1 163	
1 0 3 3	Aġenzija Eżekuttiva għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA)	26 100	26 100	18 677	
1 0 3 4	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	63 100	59 900	82 584	
1 0 3 5	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)	55 000	43 700	38 051	
1 0 3 6	Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)	19 000	8 000	19 875	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1 0 3 7	Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	16 300	8 000	9 261	
1 0 3 8	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	179 600	197 300	218 749	
1 0 3 9	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	20 000	24 100	19 832	
	<i>Artikolu 1 0 3 – Total</i>	574 100	549 100	599 937	
1 0 4					
1 0 4 0	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	980 000	807 000	930 590	
1 0 4 1	Impriża Konġunta (ARTEMIS)	10 400	4 700	7 998	
1 0 4 2	Impriża Konġunta ta' Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI)	19 200	5 000	29 589	
1 0 4 3	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	3 300	6 700	6 870	
1 0 4 4	Impriża Konġunta ENIAC (ENIAC JU)	p.m.	p.m.	4 883	
1 0 4 5	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	p.m.	70 000	135 199	
1 0 4 6	Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	44 600	32 200	0	
1 0 4 7	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	748 900	442 200	31 620	
1 0 4 8	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	200 000	50 000	21 895	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1 0 4 9	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	p.m.	7 000	3 023	
	<i>Artikolu 1 0 4 – Total</i>	2 006 400	1 424 800	1 171 665	
1 0 5					
1 0 5 0	Korp ta' Regolaturi Ewropej għal Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)	p.m.	3 000	5 151	
1 0 5 1	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija IT)	p.m.	p.m.		Sal-mument tal-awtonomija finanzjarja tagħha, il-ħidma tal-Aġenzija IT hija prevista u rreġistrata fil-Punt 3000, Kummissjoni Ewropea.
	<i>Artikolu 1 0 5 – Total</i>	p.m.	3 000	5 151	
	KAPITOLU 1 0 - TOTAL	41 606 800	38 120 100	39 038 543	
	Titolu 1 - Total	41 606 800	38 120 100	39 038 543	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0 0	Sussidju mill-Kummissjoni				Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2 0 0 0	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 2 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 2 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatūra	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
	Titolu 2 - Total	p.m.	p.m.	0	
3	KOOPERAZZJONI INTERINSTITUZZJONALI				
3 0	KOOPERAZZJONI INTERINSTITUZZJONALI				
3 0 0	Kooperazzjoni interistituzzjonali				Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
3 0 0 0	Kummissjoni Ewropea	1 087 600	953 300	2 341 598	Sal-mument tal-awtonomija finanzjarja tagħha, il-ħidma tal-Aġenzija IT hija prevista u rreġistrata fil-Punt 3000, Kummissjoni Ewropea.
3 0 0 1	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 2	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	749 000	739 300	982 250	
3 0 0 3	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 4	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	215 200	23 800	30 029	
3 0 0 5	Qorti Ewropea tal-Awdituri	50 000	30 000	27 952	
3 0 0 6	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 7	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 8	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	100 000	300 000	18 972	Il-previżjoni hija stima prudenti tad-dħul mill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex id-dħul għall-2013 ma jkunx stmat akbar.
	<i>Artikolu 3 0 0 – Total</i>	2 201 800	2 046 400	3 400 800	
3 0 1					

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
3 0 1 0	Bank Ċentrali Ewropew	57 900	32 600	14 000	
3 0 1 1	Ombudsman Ewropew	467 900	377 600	451 255	
	<i>Artikolu 3 0 1 – Total</i>	525 800	410 200	465 254	
	KAPITOLU 3 0 - TOTAL	2 727 600	2 456 600	3 866 054	
	Titolu 3 - Total	2 727 600	2 456 600	3 866 054	
4	DĦUL IEĦOR				
4 0	DĦUL IEĦOR				
4 0 0	Imġhaxijiet bankarji				Dan l-artikolu jkopri l-imġhaxijiet li ċ-Ċentru ser jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4 0 0 0	Imġhaxijiet bankarji	150 000	450 000	441 561	
	<i>Artikolu 4 0 0 – Total</i>	150 000	450 000	441 561	
4 0 1	Pagamenti varji mħallsa lura				Dan l-artikolu jkopri l-pagament varji mħallsa lura (telefonati privati, eċċ.).
4 0 1 0	Pagamenti varji mħallsa lura	p.m.	3 000	0	
	<i>Artikolu 4 0 1 – Total</i>	p.m.	3 000	0	
	KAPITOLU 4 0 - TOTAL	150 000	453 000	441 561	
	Titolu 4 - Total	150 000	453 000	441 561	

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
5	EĊĊESS MIĠJUB 'IL QUDDIEM MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0	EĊĊESS MIĠJUB 'IL QUDDIEM MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0 0	<i>Eċċess miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti</i>				
5 0 0 0	Eċċess miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	2 973 349	9 231 710	Eċċess miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti L-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Diċembru 2003.
	<i>Artikolu 5 0 0 – Total</i>	p.m.	2 973 349	9 231 710	
5 0 1	<i>Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti</i>				
5 0 1 0	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva għal investimenti eċċezzjonali	136 000	831 200	0	FI-2013, ser jiġu trasferiti EUR 136 000 mill-fondi ta' riżerva sabiex jintużaw għal investimenti fl-IT relatati mal- programm Cdt elettroniku. L-ammont għall-2012 kien għall-programm Cdt elettroniku programme u għas-server room.
5 0 1 5	Riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 5 0 1 – Total</i>	136 000	831 200	0	
	KAPITOLU 5 0 - TOTAL	136 000	3 804 549	9 231 710	
	Titolu 5 - Total	136 000	3 804 549	9 231 710	
6	RIFUŻJONIJIET				
6 0	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI				

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
6 0 0	<i>Rifużjonijiet lill-klijenti</i>				
6 0 0 0	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 6 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 6 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	
	Titolu 6 - Total	p.m.	0	0	
	TOTAL GLOBALI	44 620 400	44 834 249	52 577 869	

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2013

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1	PERSUNAL				
11	PERSUNAL B'IMPJIEG ATTIV				Peress li ż-żidiet għall-2011 u l-2012 għadhom qed jiġu diskussi, l-impatt taż-żidiet fin-nefqa tal-persunal għall-2013 kien irreġistrat f'riżerva fil-Punt 10005. Ġiet prevista żieda addizzjonali fis-salarju ta' 1% għall-2013 u hija inklusa wkoll f'din ir-riżerva.
110	Persunal b'impjeg attiv				
1 1 0 0	Salarji bażiċi	14 373 500	14 284 425	13 763 889	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju. Pjan ta' stabbiliment 2013: 206 postijiet tax-xogħol, jiġifieri tnaqqis ta' 9 postijiet tax-xogħol, meta mqabbla mal-2012. Il-baġit emendatorju tal-2012 kien diġà inkluda dan it-tnaqqis f'dan il-punt.
1 1 0 1	Allowances tal-familja	1 320 200	1 499 300	1 285 431	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u t-Taqsima 1 tal-Anness VII tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances tal-familja, il-wild dipendenti u l-edukazzjoni għall-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1 1 0 2	Allowances ta' espatrijazzjoni u residenza barranija	2 281 900	2 320 700	2 218 249	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 69 u 68 tagħhom, u t-Taqsima 1 tal-Anness VII tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances tal-espatrijazzjoni u r-residenza barranija għall-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1 1 0 3	Allowances segretarjali	28 900	29 400	28 590	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowance segretarjali mħallsa lill-uffiċjali u l-persunal temporanju fil-Kategorija AST impjegati bħala tajpisti xorthand jew tajpisti, operaturi tat-telex, tajpsetters, segretarji eżekuttivi jew segretarji ta' prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha fix-xahar qabel l-1 ta' Mejju 2004. Numru ta' benefiċċjarji fl-2013 = 17.

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
	<i>Artikolu 110 - Total</i>	18 004 500	18 133 825	17 296 160	
111	<i>Persunal awżiljarju u persunal lokali</i>				
1 1 1 3	Apprendisti	13 600	13 300	13 788	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat ma' apprendisti, billi pereżempju jġu żviluppati relazzjonijiet ma' universitajiet. 25% tas-salarju bażiku ta' AD5/1 x 3 apprendisti għal perjodu ta' erba' xhur.
1 1 1 5	Persunal kuntrattwali	1 059 100	729 700	622 657	Kundizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom. Iż-żieda mill-2012 għall-2013 hija minħabba ż-żieda fil-persunal kuntrattwali minn 15 għal 22.
	<i>Artikolu 111 - Total</i>	1 072 700	743 000	636 445	
112	<i>Taħriġ professjonali tal-persunal</i>				
1 1 2 0	Taħriġ professjonali tal-persunal	196 400	210 000	178 898	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom. It-tnaqqis fl-2012 huwa minħabba l-pjan ta' stabbiliment rivedut.
	<i>Artikolu 112 - Total</i>	196 400	210 000	178 898	
113	<i>Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem</i>				
1 1 3 0	Assigurazzjoni kontra l-mard	488 700	505 100	492 569	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni tal-mard għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem (3.4 % tas-salarju bażiku); il-kontribuzzjoni tal-uffiċjali hija 1.7 % tas-salarju bażiku.

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
1 1 3 1	Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol	110 700	114 400	102 226	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol (0.77% tas-salarju bażiku). Għandha tiżdied 2% oħra għall-approprijazzjonijiet ikkalkolati b'dan il-mod (tiżdied ir-rata għal 0.7854%) biex tkopri l-infiq li mhux kopert bl-assigurazzjoni (Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal).
1 1 3 2	Assigurazzjoni kontra l-qgħad	145 400	155 200	121 684	Kundizzjonijiet ta' impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex jiġi assigurat il-persunal temporanju kontra l-qgħad. Ir-rata applikata: 1.62 % tas-salarju bażiku.
1 1 3 3	Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet tal-pensjoni	p.m.	p.m.	0	Kundizzjonijiet ta' impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 42 tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju sabiex jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni tagħhom fil-pajjiż tal-oriġni tagħhom.
1 1 3 4	Kontribuzzjoni għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet	3 515 100	3 571 600	3 460 492	Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem taċ-Ċentru għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet. il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem hija 23.2% tas-salarji bażiċi, inkluż għall-persunal kuntrattwali, il-kontribuzzjoni tal-persunal tammonta għal 11.6%.
	<i>Artikolu 113 - Total</i>	4 259 900	4 346 300	4 176 971	
114	Allowances u għotjiet varji				

Titolu Kapitolu Artikolu Punt	Intestatura	Baġit 2013	Baġit emendatorju 2012	Eżitu 2011	Rimarki
